# ANNESS I

# KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT FIL-QOSOR

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Equilis Prequenza , suspensjoni għall-injezzjoni għaż-żwiemel

## 2. KOMPOŻIZZJONI KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Kull doża ta` 1 ml fiha

**Sustanza Attiva :**

Strejn tal-virus tal-influenza taż-żwiemel

| | |
|---|---|
| A/equine-2/ South Africa/4/03 | 50 AU[1] |
| A/equine-2/ Newmarket/2/93 | 50 AU |

[1] Partijiet antiġeniċi

**Sustanzi mhux attivi**
Iscom-Matrix fiha:

| | |
|---|---|
| Saponin purifikat | 375 mikrogrammi |
| Kolesterol | 125 mikrogrammi |
| Fosfatidilkolin | 62.5 mikrogrammi |

Għal-lista sħiħa ta' l-ingredjenti mhux attivi, ara s-sezzjoni 6.1.

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Suspensjoni għall-injezzjoni.
Suspensjoni ċara u opalixenti

## 4 TAGĦRIF KLINIKU

### 4.1 Speċi li fuqhom ser jintuża l-prodott

Żwiemel

### 4.2 Indikazzjonijiet għal użu tal-prodott li jispeċifikaw l-ispeċi li fuqhom se jintuża l-prodott

Immunizzazzjoni attiva għal żwiemel minn sitt xhur il-fuq, kontra l-influwenza taż-żwiemel, biex tnaqqas is-sintomi kliniċi u l-eskrezzjoni tal- virus wara l-infezzjoni.

<u>Influwenza</u>

| | |
|---|---|
| Bidu ta' l-immunita: | 2gimgħat wara l-ewwel kors ta' tilqim |
| Kemm iddum l-immunita: | 5 xhur wara l-ewwel kors ta' tilqim |
| | 12- il xahar wara l-ewwel rivaċċinazzjoni |

### 4.3 Kontra indikazzjonijiet

Xejn

### 4.4 Twissijiet speċjali għall-kull speċi li huwa ndikat

Il-mor m' għandux jitlaqqam qabel jagħlaq is-sitt xhur, speċjalment jekk imwieled minn dwieb li tlaqmmu għat-tieni darba fl-aħħar xahrejn ta' tqala, għax hemm il-possibilita li jinterferixxi ma' l-antikorpi ta' l-omm.

Laqqam biss annimali f`saħħithom.

## 4.5 Prekawzjonijiet Speċjali għall-Użu

Prekawzjonijiet speċjali għall-użu fl-annimali
Mhux applikabbli.

Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali
F'każ li tinjetta lilek innifsek, fittex kura medika minnufih u uri il-pakkett jew il-fuljett li jkun gol pakkett lit-tabib.

## 4.6 Effetti mhux mixtieqa (frekwenza u gravità)

Nefħiet mifruxa ibsin jew rotob, (diametru mass. 5 cm) jistgħu rarament jfiġġu fis-sit tal-injezzjoni u jonqsu fi żmien jumejn. Rarament jista' jkun hemm uġigħ fil-post ta' l-injezzjoni li tista tirriżilta fi skumdita funzjonali temporanja (ebusij). Rejazzjoni lokali li teċċedi l-5 cm u possibilmentt tippersisti għall-aktar minn 2 tista sseħħ f`każijiet rari ħafna.
F' xi każijiet rari ħafna jista' jkun hemm deni flimkien ma letarġija u nuqqas ta`aptit li jdum ġurnata u f'xi ċirkustanzi eċċezjonali jistgha jtawwal għal tlett ijiem.

Il-frekwenza ta' effetti mhux mixtieqa hija definita skont din il-konvenzjoni:
- komuni ħafna (aktar minn wieħed f'10 annimali li juru effetti mhux mixtieqa matul il-perjodu ta' kura waħda)
- komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'100 annimal)
- mhux komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn10 annimali f'1,000 annimal)
- rari (aktar minn wieħed iżda inqas minn10 annimali f'10,000 annimal)
- rari ħafna (inqas minn annimal wieħed f'10,000 annimal, inklużi rapporti iżolati).

## 4.7 Użu fit-tqala, fit-treddigħ u fi żmien il-bidien

Jista' jintuża waqt it-tqala u żmien it-treddiegh

## 4.8 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra jew forom oħra ta' interazzjoni

L-informazzjoni dwar is-sigurtà u l-effikaċja ta' dan il-vaċċin turi li jista jiġi amministrat fl-istess ġurnata li jinghata is-Serum tat-Tetnu tal-Intervet , imma mhux imħallat mieghu, (ara sezzjoni 4.9 M'hemmx informazzjoni dwar is-sigurtà u l-effiċjenza ta' din it-tilqima jekk tintuża flimkien ma kwalunkwe prodott ieħor ħlief mal-prodott imsemmi hawn fuq. Għalhekk id-deċiżjoni li li tuża dan il-vaċċin qabel jew wara kwalunkwe prodott ieħor trid tittieħed kaz b' kaz.

## 4.9 Doża rakkomandata u l-metodu ta' amministrazzjoni

Għall- użu intramuskolari.

alli t-temperatura tal-vaċċin tilħaq t-temperatura tal-kamra qabel l-użu.

Skeda għat-tilqim

*L-ewwel kors ta' tilqim*

Agħti doża waħda (1 ml) strettament fil-muskolu, skond din l-iskema:
- L-ewwel kors ta' tilqim: l-ewwel injezzjoni wara 6 xhur mit-twelid u tieni waħda 4gimgħat wara.

*Rivaċċinazzjoni*

Influwenza
L-ewwel rivaċċinazzjoni (t-tielet doża) kontra l-influwenza taż-zwiemel tingħata wara 5 xhur wara li jkun spiċċa l-ewwel kors. B' din it-tilqima l-immunita kontra l- influwenza taż-zwiemel iddum tal-anqas għal 12-il xahar.
It- tieni rivaċċinazzjoni tingħata wara 12-il xahar mill-ewwel rivaċċinazzjoni .
Kull 12 –il xahar huwa rakkomandat li tingħata tilqima addattata kontra l-influwenza taż-żwiemel, li jkollha dawn l-istrejns *A/equi 1/Prague 56*, *A/equi 2/Newmarket-1/93 u A/equi 2/Newmarket-2/93*, sabiex jinżamm il-livell ta' immunita. (ara skema).

Tetnu
L-ewwel revaċċinazzjoni tingħata mhux aktar tard minn 17-il xahar wara l-ewwel kors vaċċinazzjoni. Minn hemm il-quddiem, intervall ta' massimu ta' sentejn huwa rakkomandat (ara skema).

| T1 | T2 | 5 | T3 | 12 | T4 | 12 | T5 | 12 | t6 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 0 | 1 | | 6 | | 18 | | 30 | | 42 xahar |
| Prequenza Te | Prequenza Te | | Prequenza | | Prequenza Te | | Prequenza | | Prequenza Te |

F' kas ta' riskju akbar ta' infezzjoni jew nuqqas ta' teħid ta' kolostrum, tilqima addizjonali tista' tingħata fir-raba' xahar segwita bil programm komplut ta' vaċċinazzjoni (l-ewwel kors ta' tilqim ta' 6 xhur u doża ohra 4 ġimgħat wara).

*Immunita attiva u passiva f daqqa (tilqima ta' emerġenza)*
Il-vaċċin jista jingħata ma' Tetanus-Serum tal-Intervet lil żwiemel midruba li mhumiex imlaqqmin kontra t-tetnu. F dak il-kaz, l-ewwel doża (T1) tal-vaċċin tista' tingħata flimkien mad-doża profilattika adatta ta' Tetanus-Serum tal-Intervet iżda f' post tal-injezzjoni differenti u b'labar u siringi differenti. Dan iwassal għall-protezzjoni passiva kontra t-tetnu għal tal-anqas 21gurnata wara li jkunu ngħataw is-sirum u t-tilqima flimkien. It-tieni doża tal-vaċċin (T2) għandha tingħata 4gimgħat wara. It-tielet tilqima bl- Equilis Prequenza Te għandha terġa' tingħata tal-inqas 4gimghat wara. L- użu flimkien ta' Equilis Prequenza Te u Tetanus-Serum tal-Intervet jista' jnaqqas l-immunita attiva kontra t-tetnu meta mqabbla ma' żwiemel oħra mlaqqma bl- Equilis Prequenza Te bissmingħajr l-antitoksin tas-sirum tat-tetnu.

### 4.10 Doża eċċessiva (sintomi, proċeduri ta' emerġenza, antidoti)jekk ikun hemm bżonn

Wara injezzjoni doppja ta' vaċċin l-ebda effett mhux mixtieq , apparti dawk deskritti f sezzjoni 4.6, ma gie osservat xejn ħlief għal ftit sintomi ta' dipressjoni fil- jum ta' wara t-tilqim.

### 4.11 Perjodu ta' Tiżmim

Xejn ġranet.

## 5. KWALITAJIET FARMAKOLOĠIĊI IMMUNOLOĠIĊI

Grupp farmako-terapewtiku: Immunoloġiċi għaż-żwiemel, vaċċini virali inattivati
Kodici ATĊ veterinarja: QI05AA01

Biex tistimula immunita attiva kontra l-influwenza taż-zwiemel fiż-żwiemel.

## 6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

### 6.1 Lista ta' ingredjenti

Buffer tal-fosfat.

## 6.2 Inkompatibilitajiet maġġuri

Tħallatx ma’ tilqim jew prodotti immunoloġiċi oħra.

## 6.3 Żmien ta' kemm il-prodott idum tajjeb

Żmien sakemm il-prodott mediċinali veterinarju jista’ jinżamm fuq l-ixkaffa ippakkjat għall-bejgħ:
Sentejn

## 6.4 Tagħrif speċjali dwar kif għandu jinħażen

Aħżen fil-friġġ (2 °C – 8 °C ),
Tiffriżax.
Ipproteġi mid-dawl.

## 6.5 In-natura u l-għamla ta’ l-ewwel ippakkjar

Kunjett tal-ħġieġ Tip I ta`1ml (1 doża) magħluq b tapp tal-gomma u ssiġillat b’ kappa tal- aluminjum.
Siringa tal-ħġieġ Tip I ta`1ml (1 doża) , mimlija għal-lest bi planġer b’tarf tal-gomma u magħluq b’tapp tal-gomma.

Daqs tal-pakketti:
Kaxxa tal- kartun b’ 10 fjali tal-ħġieġ ta’ 1 ml (1 doża).
Kaxxa(i) tal- kartun b’ 1, 5 jew 10 siringi tal-ħġieġ bil-labar, mimlija għall-lest ta`1ml (1 doża).

Mhux id-daqsijiet kollha tal-pakketti jistgħu qegħdin fis-suq.

## 6.6 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi tal-prodotti mediċinali veterinarji mhux użata jew materjal ieħor għar-rimi li huwa derivat minn dawn il-prodotti

Kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju li ma ġiex użat jew materjal għar-rimi li huwa derivat minn dan il-prodott mediċinali veterinarju għandu jintrema skont kif jitolbu r-regolamenti tal-pajjiż.

# 7. L-ENTITÀ LI GĦANDHA L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ

Intervet International B.V.
Wim de Körverstraat 35
5831 AN Boxmeer
Olanda

# 8. NUMRU(I) TA’ L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ

EU/2/05/056/001-004

# 9. DATA TA’ L-EWWEL AWTORIZZAZZJONI / TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI

Data ta`l-ewwl awtorizzazzjoni: 08 ta' Lulju 2005
Data ta` l-aħħar tiġdid: 27 ta' Lulju 2010

# 10. DATA TA’ META ĠIET RIVEDUTA DIN IL-KITBA

{XX/SSSS}

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju tinstab fuq il-websajt tal-Aġenzija Ewropea dwar il-Mediċini http://www.ema.europa.eu/.

**PROJBIZZJONI TA' BEJGĦ, PROVISTA, U/JEW UŻU**

Mhux Applikabbli.

**ANNESS II**

**A. MANIFATTUR(I) TAS-SUSTANZI BIOLOĠIĊI ATTIVI U SID TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-MANIFATTURA RESPONSABBLI MILL-HRUĠ TAL-LOTT**

**B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET FUQ IL-PROVISTA JEW L-UŻU**

**C. DIKJARAZZJONI TA' L-MRLs**

## A. MANIFATTURI TAS-SUSTANZI BIOLOĠIKĊI ATTIVI U L-MANIFATTUR RESPONSABBLI MILL-ĦRUĠ TAL-LOTT

Isem u indirizz tal-manufattur tas-sustanzi bioloġikċi attivi

Merck Sharp & Dohme Animal Health, S.L.
Poligono Ind. El Montalvo I
C/Zeppelin 6, Parcela 38
37008 Carbajosa de la Sagrada
Salamanca
Spanja

Intervet International B.V.
Wim de Körverstraat 35
5831 AN Boxmeer
L-Olanda

Isem u indirizz tal-manifattur(i) responsabbli mill-ħruġ tal-lott.

Intervet International B.V.
Wim de Körverstraat 35
5831 AN Boxmeer
L-Olanda

## B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ DWAR IL-PROVISTA U L-UŻU

Prodott mediċinali veterinarju li jingħata bir-riċetta veterinarja.

## C. DIKJARAZZJONI TA' L-MRLs

Peress li is-sustanza attiva hija fil-prinċipju ta' oriġni bijoloġika u maħsuba sabiex tipproduċi immunitaċ attiva m' hijiex fl-iskop tar-Regolazzjoni (EC)470/2009

Is-sustanzi mhux attivi (inklus l-adġuvanti) msemmija f'sezzjoni 6.1 tal- KPQ huma, jew sustanzi permessi li tabella 1 tal-anness tar-Regoli tal-Kummissjoni (EU) No 37/2010 tindika li l-ebda MRLs huma meħtieġa jew kunsidrati li ma jaqawx fl-iskop tar-Regolamenti (EC) No 470/2009 meta użati bħall f'dan il-prodott mediċinali veterinarju.

# ANNESS III

# TIKETTA U L-FULJETT TA' TAGĦRIF FIL-PAKETT

## A. TIKKETTA

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**

**KAXXA TAL-KARTUN b` 10 kunjetti**
**KAXXA TAL-KARTUN b`1, 5 jew 10 siringi mimlija għal-lest.**

**1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU**

Equilis Prequenza suspensjoni għall-injezzjoni għaż-żwiemel

**2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA U SUSTANZI OĦRA**

Kull Doża ta` 1 ml fiha:
A/equine-2/ South Africa/4/03 50 AU
A/equine-2/Newmarket/2/93 50 AU,

**3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA**

Suspensjoni għall-injezzjoni

**4. DAQS TAL-PAKKETT**

10x 1 doża
1 doża f`siringa mimlija għall-lest
5 x 1 doża f`siringi mimlija għall-lest
10 x 1 doża f`siringi mimlija għall-lest

**5. SPEĊI GĦAL X'HIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT**

Żwiemel

**6. INDIKAZZJONI(JIET)**

**7. METODU U MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI**

Għall-użu intramuskolari

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

**8. ŻMIEN TA' TIŻMIM**

Żmien ta` tiżmim: xejn ġranet.

**9. TWISSIJIET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠ**

Aqra l-fuljett ta’ tagħrif qabel l-użu.

**10. DATA TA' SKADENZA**

Jiskadi {xahar / sena}

**11. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN**

Aħżen fil-friġġ.
Tiffriżax.
Ipproteġi mid-dawl.

**12. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI DWAR IR-RIMI TA' PRODOTTI MHUX UŻATI JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ**

Rimi: aqra l-fuljett li jinsab fil-pakkett

**13. IL-KLIEM "GĦAL TRATTAMENT TA’ L-ANNIMALI BISS” U KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET DWAR IL-PROVISTA U L-UŻU, jekk applikabbli**

Għal Trattament ta’ l-Annimali biss. Għandu jingħata biss b’riċetta veterinarja.

**14. IL-KLIEM “ŻOMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL”**

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

**15. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAS-SID TA’ L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ**

Intervet International B.V.
Wim de Körverstraat 35
5831 AN Boxmeer

**16. NUMRU/I TA’ L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ**

EU/2/05/056/001(10 kunjetti)
EU/2/05/056/002 (10 siringi mimlija għall-lest)
EU/2/05/056/003 (1 siringa mimlija għall-lest)
EU/2/05/056/004 (5 siringi mimlija għall-lest)

**17. NUMRU TAL-LOTT TAL-MANIFATTUR**

Lott Nru.

**TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ L-IPPAKKJAR EWLIENI TA' PAKKETTI ŻGĦAR**

**1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU**

Equilis Prequenza 

**2. KWANTITÀ TAS-SUSTANZA ATTIVA / SUSTANZI ATTIVI**

Żewġ strejns ta`virus taż-żwiemel.

**3. KONTENUT BĦALA PIŻ, VOLUM JEW NUMRU TA' DOŻI**

1 doża

**4. MOD TA' AMMINISTRAZZJONI**

IM

**5. ŻMIEN TA' TIŻMIM**

Żmien ta`tiżmim: xejn ġranet

**6. NUMRU TAL-LOTT**

Lott {numru}

**7. DATA TA' SKADENZA**

Jiskadi {xahar/sena}

**8. IL-KLIEM "GĦAL TRATTAMENT TAL-ANNIMALI BISS"**

Għal Trattament tal-Annimali Biss.

## B. FULJETT TA' TAGĦRIF FIL-PAKKETT

**FULJETT TA' TAGĦRIF FIL-PAKKETT**

Equilis Prequenza suspensjoni għall-injezzjoni għaż-żwiemel

**1. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAS-SID TAL-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ, U L-ISEM U L-INDIRIZZ TAS-SID TAL-AWTORIZZAZZJONI TAL-MANIFATTURA RESPONSABBLI LI JĦALLI L-KONSENJA TMUR FIS-SUQ , JEKK DIFFERENTI**

Intervet International B.V.
Wim de Körverstraat 35
5831 AN Boxmeer
Olanda

**2. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU**

Equilis Prequenza suspensjoni għall-injezzjoni għaż-żwiemel

**3. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I) U INGREDJENT(I) OĦRA**

Kull doża ta` 1 ml fiha:

**Sustanza Attiva :**
Strejn tal-virus tal-influenza taż-żwiemel

| | |
|---|---|
| A/equine-2/ South Africa/4/03 | 50 AU[1] |
| A/equine-2/ Newmarket/2/93 | 50 AU |

[1] Partijiet antiġeniċi ELISA

**Sustanzi mhux attivi**
Iscom Matrix fiha:

| | |
|---|---|
| Saponin purifikat | 375 mikrogrammi |
| Kolesterol | 125 mikrogrammi |
| Fosfatidilkolin | 62.5 mikrogrammi |

Suspensjoni ċara opalaxxenti.

**4. Indikazzjonijiet**

Immunizzazzjoni attivagħal żwiemel minn sitt xhur il-fuq, kontra l-influwenza taż-żwiemel, biex tnaqqas is-sintomi kliniċi u l-eskrezzjoni tal- virus wara l-infezzjoni, u immunizzazzjoni kontra t-tetnu biex tipprevjeni l-imwiet.

Influwenza

| | |
|---|---|
| Bidu tal-immunita: | 2gimgħat wara l-ewwel kors ta tilqim |
| Kemm iddum l-immunita: | 5 xhur wara l-ewwel kors ta tilqim |
| | 12- il xahar wara l-ewwel revaċċinazzjoni |

**5. KUNTRAINDIKAZZJONIJIET**

Xejn

**6. EFFETTI MHUX MIXTIEQA**

Nefħiet mifruxa ibsin jew rotob, (diametru mass. 5 cm) jistgħu rarament jfiġġu fis-sit tal-injezzjoni u jonqsu fi żmien jumejn. Rarament jista' jkun hemm uġigħ fil-post ta' l-injezzjoni li tista tirriżilta fi skumdita funzjonali temporanja (ebusij). Rejazzjoni lokali li teċċedi l-5 cm u possibilmentt tippersisti għall-aktar minn 2 tista sseħħ f`każijiet rari ħafna.
F' xi każijiet rari ħafna jista' jkun hemm deni flimkien ma letarġija u nuqqas ta`aptit li jdum ġurnata u f'xi ċirkustanzi eċċezjonali jistgha jtawwal għal tlett ijiem.

Il-frekwenza ta' effetti mhux mixtieqa hija definita skont din il-konvenzjoni:
- komuni ħafna (aktar minn wieħed f'10 annimali li juru effetti mhux mixtieqa matul il-perjodu ta' kura waħda)
- komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'100 annimal)
- mhux komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn10 annimali f'1,000 annimal)
- rari (aktar minn wieħed iżda inqas minn10 annimali f'10,000 annimal)
- rari ħafna (inqas minn annimal wieħed f'10,000 annimal, inklużi rapporti iżolati).

## 7. SPEĊI LI GĦALIHOM HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Żwiemel 

## 8. DOŻA GĦAL KULL SPEĊI, MOD(I) U METODU TA' AMMINISTRAZZJONI

1 ml fil-muskolu.

<u>Skeda għat-tilqim</u>

*L-ewwel kors ta tilqim*
Agħti doża waħda (1 ml) fil-muskolu, skond din l-iskema:
- L-ewwel kors ta tilqim: l-ewwel injezzjoni wara 6 xhur mit-twelid u tieni waħda 4gimgħat wara.

*Rivaċċinazzjoni*
<u>Influwenza</u>
L-ewwel rivaċċinazzjoni (t-tielet doża) kontra l-influwenza taż-zwiemel tingħata wara 5 xhur wara li jkun spiċċa l-ewwel kors. B din it-tilqima l-immunita kontra l- influwenza taż-zwiemel iddum tal-anqas għal 12-il xahar.
It- tieni rivaċċinazzjoni tingħata wara 12-il xahar mill-ewwel rivaċċinazzjoni .
Kull 12 –il xahar huwa rakkomandat li tingħata tilqima addattata kontra l-influwenza taż-żwiemel, li jkollha dawn l-istrejns *A/equi 1/Prague 56*, *A/equi 2/Newmarket-1/93 u A/equi 2/Newmarket-2/93*, sabiex jinżamm il-livell ta' immunita. (ara skema).

<u>Tetnu</u>
L-ewwel revaċċinazzjoni tingħata mhux aktar tard minn 17-il xahar wara l-ewwel kors vaċċinazzjoni. Minn hemm il-quddiem, intervall ta' massimu ta' sentejn huwa rakkomandat (ara skema).

| T1 | T2 | 5 | T3 | 12 | T4 | 12 | T5 | 12 | t6 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 0 | 1 | | 6 | | 18 | | 30 | | 42 xahar |
| Prequenza Te | Prequenza Te | | Prequenza | | Prequenza Te | | Prequenza | | Prequenza Te |

F' kas ta' riskju akbar ta' infezzjoni jew nuqqas ta' teħid ta' kolostrum, tilqima addizjonali tista' tingħata fir-raba xahar segwita bil programm komplut ta vaċċinazzjoni (l-ewwel kors ta' tilqim ta' 6 xhur u doża ohra 4 ġimgħat wara).

*Immunita attiva u passiva f daqqa (tilqima ta' emerġenza)*

Il-vaċċin jista jingħata ma Tetanus-Serum tal-Intervet lil żwiemel midruba li mhumiex imlaqqma kontra t-tetnu. F dak il-kas, l-ewwel doża (T1) tal-vaċċin tista tingħata flimkien mad-doża profilattika adatta ta' Tetanus-Serum tal-Intervet iżda f' post tal-injezzjoni differenti u b'labar u siringi differenti. Dan iwassal għall-protezzjoni passiva kontra t-tetnu għal tal-anqas 21gurnata wara li jkunu ngħataw is-sirum u t-tilqima flimkien. It-tieni doża tal-vaċċin (T2) għandha tingħata 4gimgħat wara. It-tielet tilqima bl- Equilis Prequenza Te għandha terġa' tingħata tal-inqas 4gimghat wara. L- użu flimkien ta' Equilis Prequenza Te u Tetanus-Serum tal-Intervet jista' jnaqqas l-immunita attiva kontra t-tetnu meta mqabbla ma żwiemel oħra mlaqqma bl- Equilis Prequenza Te biss (mingħajr l-antitoksin tas-sirum tat-tetnu).

## 9. PARIR SABIEX TAMMINISTRA B'MOD KORRETT

Ħalli t-temperatura tal-vaċċin tilħaq t-temperatura tal-kamra qabel l-użu.

## 10. PERJODU TA' TIŻMIM

Xejn ġranet.

## 11. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-ĦAŻNA

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.
Aħżen fil-friġġ (2 °C – 8 °C ),
Tifriżax.
Ipproteġi mid-dawl.

Tużax dan il-prodott mediċinali veterinarju wara d-data ta l-iskadenza li hemm fuq it-tikketta. Wara JISK. Id-data tal-iskadenza tirreferi għall-aħħar ġurnata tax-xahar.

## 12. TWISSIJIET SPEĊJALI

Il-mor m' għandux jitlaqqam qabel jagħlaq is-sitt xhur, speċjalment jekk imwieled minn dwieb li tlaqmmu għat-tieni darba fl-aħħar xahrejn ta' tqala, għax hemm il-possibilita li jinterferixxi ma' l-antikorpi ta' l-omm.

Laqqam biss annimali f'saħħithom.

<u>Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali</u>:
F'każ li tinjetta lilek innifsek b'mod aċċidentali, fittex parir mediku mal-ewwel u qis li turi l-fuljett ta' tagħrif jew it-tikketta lit-tabib.

Tqala u treddiegħ:
Jista' jintuża waqt it-tqala u żmien it-treddiegh

Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra jew forom oħra ta' interazzjoni
Hemm informazzjoni dwar is-sigurtà u l-effikaċja ta' din it-tilqima li turi li dan il-vaċċin jista jiġi amministrat fl-istess ġurnata imma mhux imħallat mas-Serum tat-Tetnu tal-Intervet , (ara sezzjoni 8: Doża għal-kull speċi ndikata u l-metodu ta' amministrazzjoni).

M'hemmx informazzjoni dwar is-sigurtà u l-effiċjenza ta' din it-tilqima jekk tintuża flimkien ma kwalunkwe prodott ieħor ħlief mal-prodott imsemmi hawn fuq. Għalhekk id-deċiżjoni li li tuża dan il-vaċċin qabel jew wara kwalunkwe prodott ieħor trid tittieħed kull kas għalih

Inkompatibilitajiet:
Tħallatx ma l-ebda prodott mediċinali veterinarju ieħor.

## 13. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI DWAR RIMI TA' PRODOTT MHUX UŻATA JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ

Mediċina veterinarja li ma ġietx użata jew prodotti oħra li ntużaw għal din il-mediċina għandhom jintremew skond kif titlob il-liġi tal-pajjiż.

## 14. DATA META ĠIE APPROVAT L-AĦĦAR IL-FULJETT INFORMATTIV FIL-PAKKETT

{GGXX/SSSS}

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott tinstab fuq il-websajt tal-Aġenzija Ewropea dwar il-Mediċini http://www.ema.europa.eu/.

## 15. TAGĦRIF IEĦOR

Kaxxa tal- kartun b` 10 fjali tal-ħġieġ ta 1 ml (1 doża).
Kaxxa(i) tal- kartun b' 1, 5 jew 10 siringi tal-ħġieġ ta`1ml (1 doża), bil-labar, mimlija għal-lest.

Mhux id-daqs tal-pakketti kollha jistgħu qegħdin fis-suq.